Nru./No. 19,188
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru, 2013
Friday, 27th December, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,993 - 13,996
Government Notices ..... *13,993 - 13,996*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,996 - 14,007
Employment Opportunities ..... *13,996 - 14,007*

Avviżi tal-Gvern ..... 14,007 - 14,017
Notices ..... *14,007 - 14,017*

Offerti ..... 14,018 - 14,046
Tenders ..... *14,018 - 14,046*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,046 - 14,060
Court Notices ..... *14,046 - 14,060*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1338

AWTORITÀ DWAR IX-XANDIR GĦAL MALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 118 (2) tal-Kostituzzjoni, ħatar lill-persuni li ġejjin biex ikunu membri tal-Awtorità dwar ix-Xandir għal Malta għal perijodu ta' sentejn b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2014.

Chairperson
Is-Sur Anthony J Tabone, Dip MRS, MCIM

Membri
Dott. Reno Borg, BA (Hons), MA, LLD
Dott. Peter Fenech, MA (Sussex), LLD
Is-Sur Alfred Mallia Milanes
Is-Sa Rose Sciberras, BA (Hons), LP

Is-27 ta' Diċembru, 2013
(OPM/985/1964/II)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1338

BROADCASTING AUTHORITY FOR MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, in accordance with the provisions of Article 118 (2) of the Constitution, has appointed the following persons to be members of the Broadcasting Authority for Malta for a period of two years with effect from 1st January, 2014.

Chairperson
Mr Anthony J Tabone, Dip MRS, MCIM

Members
Dr Reno Borg, BA (Hons), MA, LLD
Dr Peter Fenech, MA (Sussex), LLD
Mr Alfred Mallia Milanes
Ms Rose Sciberras, BA (Hons), LP

27th December, 2013

Nru. 1339

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/ REĠISTRATUR QRATI KRIMINALI U TRIBUNALI KRIMINALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1339

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CRIMINAL COURTS AND CRIMINAL TRIBUNALS

THE Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Dr Mary Debono Borg	Aġent Direttur/Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali *Acting Director/Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	4-11.1.2014

Is-27 ta' Diċembru, 2013

27th December, 2013

Nru. 1340

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Irkantaturi Pubbliċi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuni msemmija hawn taħt ġew nominati fuq il-*panel* ta' Irkantaturi Pubbliċi għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2014 u l-31 ta' Diċembru, 2014:

No. 1340

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Public Auctioneers

IT is notified for general information that the persons mentioned hereunder have been nominated on the panel of Public Auctioneers for the period 1st January, 2014 to 31st December, 2014:

Is-Sur Edward Gingell Littlejohn
Is-Sur John Gingell Littlejohn
Is-Sur Pierre Grech Cumbo Pillow
Is-Sur Eleno Mamo

Is-27 ta' Diċembru, 2013
MJHA/47/2009

Nru. 1341

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
A detailed justification is presented below:

Numru ta' Referenza:	PA 00801/10
Fejn tinsab:	Sit f'Triq Żgħawri, il-Munxar, Għawdex.
Proposta:	Sabiex jinbena rażżett ta tiġieġ.
Reference Number:	*PA 00801/10*
Location:	*Site at, Triq Zgħawri, Munxar Gozo*
Proposal:	*To construct poultry farm.*

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl 4 ta' Lulju 2011 (inkluża d-dokumentazzjoni anċillari) u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fid-9 ta' Settembru, 2013.

Mr Edward Gingell Littlejohn
Mr John Gingell Littlejohn
Mr Pierre Grech Cumbo Pillow
Mr Eleno Mamo

27th December, 2013

No. 1341

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the PDS dated 4th July, 2011(including ancillary documentation) and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 9th September, 2013.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ. *Remarks on mitigation measures, etc.*
Ħolqien ta' Skart	Il-proġett se jiġġenera skart inert matul il-fażi ta' kostruzzjoni, iżda l-kwantitajiet x'aktarx li se jkunu żgħar. L-iskart tal-annimali se jkun immaniġġjat u trattat skond pjan approvat għall-immaniġjar tal-iskart (fosthom demmiela u numru ta' fosos), huma parti essenzjali mill-infrastruttura tal-irziezet, bħalma jitlob il-Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba (CoGAP.. Barra minn hekk, il-ġestjoni tal-iskart se tiġi rregolata permezz ta' permess għall-operat.
Waste generation	*The project will generate inert waste during the construction phase, however quantities are likely to be minimal. Animal waste is to be managed through the installation of waste management facilities (including a manure clamp and a number of cesspits), and the adoption of established waste processing procedures in line with the Code of Good Agricultural Practice (CoGap) requirements. Furthermore, waste management will be regulated through an operational permit.*
Kwalità tal-arja inkluži rwejjaħ	Emissjonijiet ta' trab u rwejjaħ dovuti għall-iżvilupp propost x'aktarx li jkunu insinjifikanti. Barra minn hekk, se jkunu addottati wkoll miżuri oħra għall ġestjoni tal-iskart permezz ta' permess għall-operat.
Air quality and odours	*Dust emissions and odours resulting from the proposed development are likely to be insignificant. Furthermore, additional waste management measures will be adopted through an operational permit.*
Storbju u vibrazzjonijiet	Storbju u vibrazzjonijiet huma mistennija waqt il-fażi ta' kostruzzjoni, mit-tindif u t-tħaffir tas-sit. Dawn l-impatti huma ta' natura temporanja u mhumiex meqjusa li jkunu sinjifikanti. Storbju waqt l-operat huwa limitat u mhux mistenni li jkun sinjifikanti. Il-biċċa l-kbira tal-impatti se jkunu evitati permezz tal-miżuri ġeneriċi stabbiliti fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal- Kostruzzjoni.
Noise and vibration	*Noise and vibration are expected during the construction phase, from site clearance and excavation. These are temporary impacts and are not expected to be significant. Noise during the operational phase is limited and is therefore not expected to be significant. Impacts will be largely avoided through the application of standard measures established by the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007.*
Impatt viżiv	L-impatt viżiv tal-iżvilupp propost se jittaffa billi ir-razzett jinbena taħt il-livell tat-triq 'il bogħod mill-entratura ta' sit u permezz tat-twettiq ta' skema xierqa ta' *landscaping* li tostor l-iżvilupp fuq in-naħat kollha tiegħu.
Visual impact	*The proposal aims at mitigating the visual impacts by constructing the farm lower than the current street level, away from the site entrance and by the implementation of a suitable landscaping scheme that screens the development on all fronts.*

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Is-27 ta' Diċembru, 2013

27th December, 2013

Nru. 1342

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27. 12.13	€28.370	€0.482

Is-27 ta' Diċembru, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' *Social Support Worker* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata s-26 ta' Ottubru, 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Ġenerali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Social Support Worker (LSA I)* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

1.2 Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzjoni u awtonomija.

1.3 Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku: (https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-perusuna magħżula bħala *Social Support Worker* tidħol fi Skala ta' Salarju 13 li fl-2014 huwa €14,7171.00 fis-

No. 1342

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27. 12.13	€28.370	€0.482

27th December, 2013

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Social Support Worker in the Directorate for Educational Services

(Capacity building approval dated 26th October, 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

General

The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for the post of Social Support Worker in the Directorate for Educational Services (DES).

1.2 The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to State Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

1.3 The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

2.0 Terms and Conditions

2.1 A Social Support Worker shall be placed in Salary Scale 13 which in 2014 is €14,171.00 per annum, rising by annual

sena, li jiżdied b'€335.50 fis-sena sa massimu ta' €16,184.00) u jipproċedu għal Skala ta' Salarju 12, wara ħames (5) snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.2 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tieħu sehem f'taħriġ intensiv waqt il-fażi tal-*Induction* mad-Dipartiment Servizzi għall-Istudenti. Il-persuna magħżula tkun esposta għal varjetà wiesgħa ta' sitwazzjonijiet soċjali li permezz tagħhom takkwista l-esperjenza meħtieġa biex taħdem fuq il-każijiet b'mod effettiv. B'mod partikolari tiżviluppa ħiliet ta' kif iżżomm *records* tal-interventi li tagħmel mal-klijenti, ta' kitba ta' b'rapport, kif taħdem f'tim multidixxilplinarja, fil-kommunikazzjoni u kapaċitajiet oħrajn relevanti.

2.3 Il-perusuna magħżula għandha l-obbligu li tara li matul l-impjieg tagħha, tibqa' intiża fl-iżvilupp ta' *issues* u prattika li jseħħu fis-*social care* kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Għal dan il-għan, tingħata l-opportunità għal programmi ta' taħriġ kontinwu, liema opportunitajiet għandhom jiġu aċċettati mill-persuna magħżula. Dan jgħin biex dejjem jinżamm livell professjonali għoli fis-servizz li jingħata.

2.4 Il-persuna magħżula li għax-xogħol tuża l-mezz tat-trasport tagħha tkun intitolata għall-*allowance* xierqa approvata skont il-PSMC 8.2.10 u Ċirkulari MEDE/DGSS 01/2013.

2.5 Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li taqdi d-dmirijiet tagħha bħala parti mill-erbgħa u għoxrin (24) siegħa servizz ta' emerġenza mħaddem mid-DSE li flimkien man-natura tas-servizz ta' xogħol soċjali, jitlob skeda ta' ħin ta' xogħol flessibli marbut mal-ħtiġijiet tal-klijenti.

2.6 Il-persuna magħżula tista' tintalab li tagħti servizz f'aktar minn Kulleġġ/skola/ċentru wieħed, u tista tintbagħat taqdi dmirijiet f'Għawdex skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-DSE b'mod partikolari.

3.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet

3.1 Id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet ta' *Social Support Worker* jinkludu li:

tagħmel żjarat fid-djar u f'postijiet oħra skont il-ħtieġa, biex tikkommunika mal-familji identifikati mis-*supervisor* tas-*social worker* li taħdem fi ħdan il-Kulleġġ rispettiv, biex tippreveni, tnaqqas jew telimina l-assentiżmu mill-iskola;

tassisti lis-*social worker* biex timplimenta *care plans* diskussi waqt is-superviżjoni li huma relatati ma' studenti li l-iżvilupp edukattiv tagħhom huma effettwati minn diffikultajiet personali, soċjali u familjari. Dawn it-tip ta' diffikultajiet jinkludu esklużjoni soċjali, imġiba diffiċli u sitwazzjonijiet familjari diffiċli;

increments of €335.50 up to a maximum of €16,184.00) and shall proceed to Salary Scale 12 on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2 The selected candidate shall be required to undergo intensive training during an induction phase with the Department for Student Services. The selected candidate will be exposed to a broad spectrum of social situations during which the expertise required to deliver effective casework, will be acquired. In particular skills in case recording, report writing, working in a multidisciplinary team, communication, and others relevant to the post.

2.3 A selected candidate is obliged to ensure that throughout his/her employment period s/he remains conversant with current social care issues and practices both nationally and internationally. For this purpose opportunities will be provided for continuous professional development, which opportunities the selected candidate is expected to utilise to the full. This will help to ensure that a professional standard of service will be delivered at all times.

2.4 A selected candidate who uses his/her own means of transport for his/her work, will be entitled to the appropriate approved allowance as per PSMC 8.2.10 and MEDE/DGSS Circular 01/2013.

2.5 A selected candidate is required to perform duties as part of the 24 hour emergency service run by the DES which together with the nature of social work service requires the application of a flexible working-pattern centred around the needs of the clients.

2.6 A selected candidate may be required to provide service in more than one College/school/centre, and may be required to perform duties in Gozo according to the exigencies of the Malta Public Service and the DES in particular.

3.0 Duties and Responsibilities

3.1 The duties and responsibilities of a Social Support Worker shall include:

conducting home visits and other visits as may be required to communicate with target families identified by the supervisor of the social worker working within the respective college, so as to prevent, minimize or eliminate absenteeism from school;

assisting the social worker in implementing care plans discussed in supervision in relation to students whose educational achievement is effected by personal, social and family matters. Such difficulties may include social exclusion, challenging behaviour and complex family situations;

toffri sapport lill-familji billi tgħinhom b'mod prattiku jkopru l-ħtiġiet edukattivi ta' uliedhom;

tgħallem l-immaniġġar tad-dar, ħiliet ta' kf tkun ġenitur u ħiliet interpersonali, lill-familji għall-benefiċċju għall-edukazzjoni ta' wliedhom;

tipparteċipa f'*case conferences* u laqgħat ta' xogħol skont il-ħtieġa;

iżżomm rekords taż-żjarat kollha u l-komunikazzjonijiet sostantivi kollha u l-informazzjoni li tkun inġabret fuq il-familji kkonċernati;

tagħti rendikont lill-Prinċipal tal-Kulleġġ fejn qiegħda sservi u lid-Direttur, Servizzi għall-Istudenti;

taħdem b'kollaborazzjoni mill-qrib mas-*Social Worker*, mat-tijm multidixxiplinarju tal-Kulleġġ, mad-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudent tad-DSE, u ma' professjonisti oħra li jaħdmu f'dipartimenti oħra tal-gvern kif ukoll f'aġenziji mhux governattivi biex b'hekk tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi għall-ġid tal-klijenti tagħha;

tistabbilixxi u żżomm rabta bejn l-iskola, d-dar u l-awtoritajiet tal-edukazzjoni;

iżżomm kuntatt regolari mal-uffiċċju amministrattiv tas-Servizz tax-Xogħol Soċjali (*Social Work Service - SWS*) fid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudent fid-DSE biex tassigura lit-tfal u l-adolexxenti li qed jiffaċċjaw xi problemi fiżiċi, ambjentali, emozzjonali jew soċjali, huma appoġġati u b'hekk tassistihom biex jieħdu l-benefiċċji Edukattivi kollha;

taqdi dmirijiet oħra, kif assenjati mid-Direttur Ġenerali DSE;

twettaq dmirijet oħra skont l-eżigenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

supporting families by helping them in practical ways to deal with the educational needs of their children;

teaching home management, parenting and interpersonal skills to families for the benefit of the education of their children;

participating in case conferences and work-related meetings when required;

keeping records of all visits and substantive communications and information learnt from and about target families;

being accountable to the College Principal where serving and to the Director Student Services;

working in close collaboration with the Social Worker, the College multi-disciplinary team, the DES Student Services Department and other professionals employed with other Government Departments and non-Governmental Agencies, thereby ensuring maximum utilisation of resources for the benefit of their clients.

establishing and maintaining a link between school, home and education authorities;

maintaining regular working links with the Social Work Service (SWS) administration office in the Department for Student Services, DES, so as to ensure that children and adolescents experiencing physical, environmental, emotional or social problems are being supported, and thus assisting them to derive the full benefits of Education;

performing other duties assigned by the Director General, DES;

performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

4.0 Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment

ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw *status* ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' *Diploma* fil-*Health and Social Care*, f'Livell 4 tal-MQF, jew kwalifika oħra rikonoxxuta xierqa komparabbli;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm jissodisfaw kwalunkwe rekwiżiti speċifiċi tas-suġġett.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, sakemm jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) in possession of a recognised Diploma in Health and Social Care, MQF Level 4, or a recognised appropriate comparable qualification**;**

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-provvedimenti ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1).

5.0 Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati ta' *Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki komparabbli għandhom ikunu akkumpanjati b'*transcript* (*Diploma*/*Certificate supplement*) bl-Ingliż, li juri d-*Degree* miksuba u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla.

7.0 Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

7.1 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae*, jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq L-Assedju il-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex VCT 2000, sa mhux aktar tard min-nofs in-nhar *(*Ħin Ċentrali Ewropew*)* ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jintbagħtu permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.0 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below paragraph 8.1).

5.0 Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript (Diploma/Certificate supplement) in English, showing the Degree obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board.

7.0 Submission of applications

7.1 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Great Siege Road, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo VCT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 17th January 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt)by the said closing time and date. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.0 General provisions

8.1 General provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;

eżami mediku;

proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;

jinkisbu mis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq L-Assedju il-Kbir, Il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* Direttorat għal Servizzi Edukattivi riċeventi huwa 2598 2264.

Is-27 ta' Diċembru, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

Pożizzjoni ta' *Learning Support Centre Manager*
fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)
fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

(Approvazzjoni skont il-capacity building ad hoc datata t-3 ta' Diċembru, 2012)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Ġenerali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Learning Support Centre Manager* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

1.2 Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

1.3 Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku: (https://education.gov.mt/Legislation.aspx).

submission of recognition statements in respect of qualifications;

publication of the result;

medical examination;

the process for the submission of petitions concerning the result;

access to application forms and related details;

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, VCT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate for Educational Services is 2598 2264.

27th December, 2013

MINISTRY FOR EDUCATION
AND EMPLOYMENT

Position of Learning Support Centre Manager
in The Directorate for Educational Services (DES)
in the Ministry for Education and Employment

(Ad hoc capacity building approval dated 3rd December, 2012)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender."

General

The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for the position of a Learning Support Centre Manager in the Directorate for Educational Services (DES).

1.2 The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

1.3 The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (https://education.gov.mt/Legislation.aspx).

2.0 Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Learning Support Centre Manager* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE), fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Learning Support Centre Manager* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2 Din il-pożizzjoni hija fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tista' titpoġġa fuq massimu ta' ġimgħa ta' xogħol ta' sitt (6) ijiem flessibli b'medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa fuq medda ta' sena kalendarja skont skeda tax-xogħol kif stabbilita mid-Direttur Ġenerali (DSE) u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-DSE u tinvolvi li persuna tiġi mibgħuta fejn ikun hemm bżonn skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.3 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Learning Support Centre Manager* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 6 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3.0 Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' *Learning Support Centre Manager* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 6 li fis-sena 2013, huwa ta' €21,649.02 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €596.33 sa massimu ta' €25,227.00.

3.2 Il-persuna magħżula hija intitolata għall-*Performance Bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku u dan il-jedd ikun suġġett għall-istess proċedura stabbilita ta' reviżjoni ta' ħidma. Il-persuna maħtura ma tkunx intitolata għal gwadann ieħor marbut mal-pożizzjoni ta' *Headship*. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/*Gratuity* tagħha tiġi maħduma fuq il-grad sostantiv u skala ta' salarju tagħha.

4.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet

4.1 Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ta' *Learning Support Centre Manager* jinkludu li:

tevalwa, tiżviluppa u tosserva l-istrutturi tas-sapport edukattiv u l-prattiċi għall-istudenti li għandhom mġieba soċjali u emozzjonali diffikultuża;

tikkollabora mas-*Senior Management Team (SMT)* tal-*Learning Support Centre* biex tissorvelja ġurnata b'ġurnata

2.0 Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Learning Support Centre Manager in the Directorate for Educational Services (DES) within the Ministry for Education and Employment**,** which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as a Learning Support Centre Manager during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2 This position is on a full-time basis and the selected candidate may be required to work a maximum of a six (6) day flexible working week with an average of forty (40) hours per week distributed over a calendar year according to a work schedule established by the Director General DES and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular and involves liability to be deployed according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, he/she will be expected to relinquish the duties of a Learning Support Centre Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the maximum of Salary Scale 6 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.0 Salary pegged to the position

3.1 The salary pegged to the position of a Learning Support Centre Manager is equivalent to Salary Scale 6, which in 2013 is €21,649.02 per annum rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €25,227.00.

3.2 The selected candidate is entitled to a Performance Bonus of up to 10% of the basic salary and this entitlement will be subject to the established performance review procedure. The appointee will not be entitled to other perquisites pertaining to an appointment to a Headship position. If a selected candidate is a Public Officer pensionable under the Pensions Ordinance (Cap. 93), his/her Treasury Pension/ Gratuity shall be calculated on his/her substantive grade and salary scale.

4.0 Duties and Responsibilities

4.1 The duties and responsibilities of a Learning Support Centre Manager shall include the following:

evaluating, developing and monitoring educational support structures and practices for students with social and emotional behavioural difficulties.

collaborating with the Senior Management Team (SMT) of the Learning Support Centre to oversee the day to day

l-immaniġġjar tal-*Learning Support Centre* u tassigura li l-*SMT* ikun assenjat b'mod regolari punti ċentrali għall-implementazzjoni aħjar għal *policies* tal-iskola u pjanijiet taż-żvilupp;

tissettja u timplimenta struttura effettiva tal-*management* bi proċeduri ċari u definiti għar-responsabbiltà u struttura tar-rapport;

tikkollabora mas-*Psycho-Social Services* tad-Direttorat (DSE), servizzi oħra ta' sapport u aġenziji, sabiex jipprovdu sapport edukattiv, soċjali u psikoloġiku lill-istudenti u biex ikunu inklużi fil-*mainstream* u fil-komunità ġenerali;

tissorvelja l-iżvilupp tal-kurrikulum iddiferenzjat u l-pjan tas-sapport psiko-edukattiv individwali għall-istudenti li jattendu il-*Learning Centres*;

tkun kapaċi toħloq ambjent bla periklu u dixxiplinat li jwassal għal tagħlim effettiv;

tipprovdi opportunitajiet lill-*personnel* tal-*Learning Support Centre* fit-taħriġ u l-żvilupp kontinwu professjonali;

tiżviluppa kuntatti ta' xogħol mall-ġenituri jew mal-kustodji tal-istudenti;

tippjana, timplimenta u tevalwa strateġiji għall-iżvilupp kontinwu tal-*Learning Support Centres*;

tikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' *policies* ġodda fi ħdan il-*Learning Support Centres*;

tikkollabora mas-*Service Manager* tal-Edukazzjoni Speċjali sabiex toħloq *budgets* u tissorvelja il-finanzi b'stimi approvati;

tipparteċipa f'riċerka u proġetti kif rikjest;

taqdi dmirijiet oħra, kif assenjati minn żmien għal żmien mid-Direttur Ġenerali *DSE* skont kif inhu relatat għal din il-pożizzjoni;

twettaq dmirijiet oħra skont l-eżigenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna fil-pożizzjoni ta' *Learning Support Centre Manager* tista' tintbagħat taqdi dmirijiet, fir-*Resource Centres*, f'*Learning Support Centres,* Ċentri Nazzjonali, Kulleġġi, fl-iskejjel, u uffiċċji jew f'pożizzjoni fl-Livell Nazzjonali, kif immexxija mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi biex tikkontribwixxi għall-implementazzjoni tal-programm edukattiv individwali ta' studenti bi bżonnijiet speċjali f'livell nazzjonali.

5.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

management of the Learning Support Centre and ensuring that the SMT is regularly assigned focus areas for the better implementation of school policies and development plans.

setting and implementing an effective management structure with clearly defined procedures for accountability and reporting framework.

collaborating with the Directorate (DES)'s Psycho-Social Services, other support services and agencies for the provision of educational, social and psychological support to students and for their inclusion in the mainstream and the general community.

overseeing the development of a differentiated curriculum and individual psycho-educational support plans for students attending the learning centres.

being able to create a safe and disciplined environment conducive to effective learning.

providing opportunities for the training and continued professional development of the learning centre personnel

developing working links with students' parents or guardians.

planning, implementing and evaluating strategies for the continued development of Learning Support Centres.

contributing to the development and implementation of new policies within the Learning Support Centres.

collaborating with the Service Manager Special Education in order to set budgets and monitor finances with approved estimates.

participating in research and projects as required

performing other duties assigned from time to time as requested by the DG Educational Services as related to this position;

performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 A Learning Support Centre Manager may be deployed in, Resource Centres, National Centres, Colleges, schools, offices or set ups at national level, as managed by the Directorate for Educational Services to contribute to the implementation of the individual educational programme of students with special needs.

5.0 Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw *status* ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom fil-pussess tagħhom:

(a) post graduate degree (Masters) rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF relatata ma' *Social Emotional and Behavioural Difficulties* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli; u erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

(b) first Degree rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF, fis-*Social Emotional and Behavioural Difficulties*, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli; u erba' (4) snin ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

(c) first Degree rikonoxxuta f'livell 6 tal-*MQF* fix-Xjenzi Soċjali relatati ma' *Learning Difficulties* u/jew *Learning Disabilties* jew *first Degree* rikonoxxuta f'livell 6 tal-*MQF*

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in both the English and Maltese languages;

(iii) in possession of:

(a) a recognised post-graduate degree (Masters) at MQF Level 7 in Social, Emotional and Behavioural Difficulties or a recognised appropriate comparable qualification; and four (4) years relevant work experience; or

(b) a recognised first degree at MQF Level 6 in Social, Emotional and Behavioural Difficulties or a recognised appropriate comparable qualification; and four (4) years relevant work experience; OR

(c) a recognised first degree at MQF Level 6, in Social Sciences related to Learning Difficulties and/or Learning Disabilities, or a Bachelor in Education at MQF Level 6 or

(3) Illi huwa kompletament kontradittorju illi r-Rikors tiegħu, l-espert komputista jinvoka d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tat-Tariffa G u fl-istess nifs jitlob li għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 667 (4) meta l-istess espert komputista ma segwiex il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 667 (4) sabiex jitlob taxxa ġdida u meta huwa qiegħed jikkontesta l-ammont stabbilit bħala remunerazzjoni permezz ta' Digriet tal-Qorti u mhux permezz ta' taxxa rilaxxata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 666 tal-Kapitolu 12.

therein premised, that the same Honourable Court saving all the necessary declarations and provisions declare and decide that there are sufficiently grave reasons for the dissolution and consequent winding up of the respondent company and this in terms of Article 214 (2) (b) (iii) of Chapter 386 of the Laws of Malta.

That by means of a Reply filed by the respondent company on the 30th December, 2004 it was pleaded in detail why the applicant's demands are to be rejected with costs.

That by means of an application filed by him on the 29th March, 2011 before the Honourable First Hall Civil Court, in the records of the original Application in the names above premised the expert accountant appointed by the same Honourable Court, Michael Spiteri Bailey asked for the reasons therein premised that in terms of the provisions of Article 667 (4) and Tariff G Paragraph (4) of Chapter 12 of the Laws of Malta he be authorised to be paid an extra fee for his report presented and sworn on the 30th June, 2010.

That in virtue of a reply filed by her in reply to the application of the 29th March, 2011 the applicant submitted:

(1) That the application of the expert accountant was clearly made in terms of the provisions of paragraph 4 of Tariff G of Chapter 12 of the Laws of Malta.

……omissis……

(2) Now in this case, it results that whilst the fee originally demanded by the expert accountant was taxed in the amount of (€15,000) this fee as taxed was reduced to the amount stipulated in paragraph 1 of Tariff G and namely €2,329.37 by means of a Decree given by this Honourable Court on the 11th January 2011.

(3) That it is completely contradictory that in his Application the expert accountant invoked the provisions of paragraph 4 of Tariff G and at the same time he demands that there be applied the provisions of Article 667 (4) when the same expert accountant did not follow the procedure contemplated in Article 667 (4) in order to ask for a new taxation and when he is contesting the amount established as renumeration by a Court Decree and not by means of a tax made according to the provisions of Article 666 of Chapter 12.

(4) Illi fil-fatt jiġi rilevat ukoll mingħajr preġudizzju għall-premess illi mhux talli l-espert komputista ma deherlux li kellu jikkontesta d-dritt stabbilit mid-Digriet tal-11 ta' Jannar, 2011 fi żmien opportun, talli ferm qabel il-preżentata tar-Rikors tiegħu, huwa kien diġà ħallas mingħand l-esponenti d-dritt tiegħu fis-somma ta' €2,329.37.

……omissis……

(5) Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat ukoll illi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tat-Tariffa G jipprovdu illi d-dritt intaxxat a favur tal-espert komputista għar-Rapport tiegħu, f'dan il-każ fis-somma ta' €2,329.37 għandu jinkludi r-remunerazzjoni għat-tħejjija tar-rapport, kontijiet seduti miżmuma mill-espert u għall-attendenza fil-Qorti, li huma lkoll items indikati fl-elenku anness mar-rikors tal-istess espert komputista.

(6) Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi sottolinejat ukoll illi r-rapport li għalih l-espert komputista qed jippretendi ħlas addizzjonali a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tat-Tariffa G kien intiż li jkun rapport ad interim skont kif jirriżulta mil-verbal tat-30 ta' Ġunju, 2010.

……omissis……

Illi permezz ta' Digriet mogħti fl-4 ta' April, 2013 l-Ewwel Onorabbli Qorti wara li rat it-rikors tal-Perit komputista, tad-29 ta' Marzu, 2011 u l-atti sussegwenti u wara illi għamlet il-kunsiderazzjonijiet hemm riportati pprovdiet inter alia billi kkonfermat it-taxxa fl-ammont ta'(€17,700) skont Tariffa G (4) tal-Kapitolu 12, u tordna li l-partijiet iħallsu lill-Perit komputista Michael Spiteri Bailey, il-bilanċ dovut u cioé s-somma ta' (€15,370.63).

Illi r-rikorrenti illum appellanti ħasset ruħha aggravata bl-imsemmi Digriet u permezz ta' rikors ippreżentat minnha quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-11 ta' April, 2013 ir-rikorrenti talbet inter alia r-revoka tad-digriet tal-4 ta' April, 2013 u fin-nuqqas illi tingħata permess sabiex tappella minn dan id-Digriet.

Illi permezz ta' Digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju, 2013 l-Ewwel Qorti wara li ddikjarat li t-taxxa stabbilita fid-Digriet tagħha tal-4 ta' April, 2013 kien rigwardanti r-rapport finali tal-Perit komputista, u mhux għar-rigward tar-rapport ad

(4) That infact it is also pointed out without prejudice to the premised that not only the expert accountant was not of the opinion that he should not contest the fee established by the Decree of the 11th January, 2011 within the opportune time but much before the filing of his application he had already been paid by the applicant his fee in the sum of €2,329.37.

……omissis……

(5) That without prejudice to the premised, it is pointed out that the provisions of paragraph 4 of Tariff G provide that a fee taxed in favour of the expert accountant for his Report in this case in the sum of €2,329.37 should include the renumeration for the preparation of the report, bills, sittings, held by the expert and Court attendance, which are all items indicated in the list attached with the application of the same expert accountant.

(6) That without prejudice to the premised, it is also submitted that the report for which the expert accountant is pretending additional payment in terms of the provisions of paragraph 4 of Tariff G was intended to be a report ad interim as results from the minutes of the 30th June 2010.

……omissis……

That by means of a Decree given on the 4th April, 2013, the Honourable Court of First Instance after having seen the application of the Expert accountant of the 29th March, 2011 and the subsequent acts and after the considerations there in made it provided inter alia by confirming the Tax in the amount of (€17,700) according to Tariff G (4) of Chapter 12, and ordered the parties to pay the Expert accountant Michael Spiteri Bailey, the balance due and namely the sum of (€15,370.63).

That the applicant today appellant felt aggrieved with the said Decree and by means of an application filed by her before the Honourable First Hall Civil Court, on the 11th April, 2013 the applicant asked inter alia for the revocation of the decree of the 4th April, 2013 and in default be that she given permission to appeal from this Decree.

That by means of a Decree given on the 18th June, 2013 the Court of First Instance after it declared that the tax established by its Decree of the 4th April, 2013 referred to the final report of the Expert Accountant and not to his

interim tiegħu, u filwaqt illi ċaħdet it-talba għar-revoka tad-digriet tagħha tal-4 ta' April, 2013 laqgħet it-talba sabiex l-esponenti tintavola appell sabiex il-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata sentenza definittiva u pprefiġġiet it-terminu ta' sitt ijiem sabiex jiġi intavolat dan l-appell.

Illi l-esponenti qiegħda għalhekk tinterponi dan l-umli appell tagħha mid-digriet tal-4 ta' April, 2013 hekk kif awtorizzata.

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ fil-qosor huma s-segwenti:

(i) Illi r-rikorrenti intavola r-Rikors promotur li ta lok għal dawn il-proċeduri fejn intalab inter alia l-istralċ tas-soċjetà Flower Power (Sales) Limited, liema proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

(ii) Illi fid-9 ta' Diċembru, 2009 l-Ewwel Onorabbli Qorti fuq talba tar-rikorrenti nominat lil Michael Spiteri Bailey bħala espert komputista li bl-inkarigu illi jiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti fir-Rikors promotur.

(iii) Illi fit-30 ta' Ġunju, 2010 l-istess Perit komputista, ippreżenta u ħalef ir-Rapport preliminari tiegħu, u sussegwentement inħareġ taxxa li stabbilixxiet id-dritt tiegħu fl-ammont ta' (€17,700).

(iv) Illi sussegwentement permezz ta' Digriet mogħti fil-11 ta' Jannar, 2011 wara Nota ta' Appell ippreżentata mir-rikorrenti a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 667 tal-Kapitolu 12, l-Ewwel Onorabbli Qorti rriduċiet id-dritt intaxxat tal-Perit komputista u intaxxat id-dritt tiegħu għar-rapport preliminari tiegħu fis-somma ta' (€2,329.37).

(v) Illi effettivament l-esponenti ħallset lill-Perit Komputista s-somma hekk determinata ta' €2,329.37 a saldu tad-drittijiet dovuti lill-espert komputista rigward tar-rapport preliminari tiegħu.

(vi) Illi sussegwentement għal dan il-ħlas a saldu tad-drittijiet tiegħu l-Perit Komputista ppreżenta r-rikors tiegħu tad-29 ta' Marzu, 2011 sabiex jingħata dritt barrani fuq ir-rapport ad interim tiegħu.

ad interim report and whilst it rejected the demand for the revocation of the decree of the 4th April, 2013 it upheld the demand of the applicant to file an appeal so that the dispute be brought before the Court of Appeal before a definitive judgement is given and fixed the term of six days so that this appeal is filed.

That the applicant is thus filing this humble appeal of heirs from the decree of the 4th April, 2013 as authorised.

That the facts which gave rise to this case are in brief the following:

(i) That the applicant filed the original Application which gave rise to these procedures, whereby inter alia the dissolution of the company Flower Power (Sales) Limited was demanded which procedures are still pending before the Honourable First Hall Civil Court.

(ii) That on the 9th December, 2009 the Honourable First Hall Civil Court following the demand of the applicant appointed Michael Spiteri Bailey as expert accountant with the appointment to decide on the demands of the applicant in the original Application.

(iii) That on the 30th June, 2010 the same Expert Accountant filed and swore the preliminary Report and subsequently a tax was issued which established his fee in the amount of (€17,700).

(iv) That subsequently by means of a Decree given on the 11th January, 2011 following the Note of Appeal presented by the applicant in terms of Article 667 of Chapter 12, the Honourable First Court reduced the taxed fee of the Expert Accountant and taxed his fee for the preliminary report in the sum of (€2,329.37).

(v) That effectively the applicant paid the Expert Accountant the sum so determined of €2,329.37 in settlement of the fees due to the expert accountant regarding his preliminary report.

(vi) That subsequently to this payment and in settlement of his rights the Expert Acountant filed his application on the 29th March, 2011 so that he be given an extra fee on his interim report.

(vii)……omissis……

(viii)……omissis……

(ix) Illi permezz tad-Digriet tagħha tal-4 ta' April, 2013 l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonfermat it-taxxa fl-ammont ta' €17,700 dovut lill-Perit Komputista, u ordnat il-ħlas bilanċjali fis-somma ta' €15,370.63 għar-rapport finali tiegħu.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

(1) Illi fl-ewwel lok mhux ċar kif l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2013 għamlet kjarifika fis-sens illi d-Digriet preċedenti tagħha tal-14 ta' April, 2013 tirrigwarda r-rapport finali tal-Perit Komputista u mhux ir-rapport ad interim.

……omissis……

(2) Illi fi kwalsiasi każ jekk verament id-Digriet tal-4 ta' April, 2013 jista' jitqies bħala wieħed illi seta' jintaxxa d-dritt tal-Perit Komputista għar-rapport finali tiegħu u jekk allura l-ammont ta' €17,700 ser jitqies bħala d-dritt intaxxat a favur tal-istess Perit komputista għar-rapport finali tiegħu (li minnu tħalset diġà s-somma ta' €2,329.37 akkont) għandhom isiru s-segwenti osservazzjonijiet in linea ta' aggravji.

Skont it-termini tar-rikors tad-29 ta' Marzu, 2011 l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddetermina jekk il-Perit Komputista ħaqqux dritt barrani oltre d-dritt lilu intaxxat fis-somma ta' €2,329.37 għall-ewwel rapport tiegħu. Minflok il-Qorti kkonfermat it-taxxa fl-ammont ta' €17,700 skont Tariffa G, Paragrafu 4 Kapitolu 12 u dan għar-rapport finali tiegħu.

……omissis……

Illi għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħet tikkonferma din it-taxxa meta din kienet diġà ġiet ridotta għas-somma ta' Ewro 2,239.37.

Illi oltre dan u mingħajr preġudizzju għall-premess jekk l-ammont intaxxat mill-Ewwel Onorabbli Qorti in linea ta' dritt dovut lill-Perit Komputista (€17,700) għar-rapport finali tiegħu dan ukoll sar billi ġiet adottata proċedura ħażina.

(vii)……omissis……

(viii)……omissis……

(ix) That in virtue of its Decree of the 4th April, 2013 the Honourable First Court confirmed the tax in the amount of €17,700 due to the Expert Accountant and ordered the payment of the balance in the sum of €15,370.63 for his final report.

That the grievance is clear and manifest and consists in the following:

(1) That in the first place it is not clear how the Honourable First Court in its decree of the 18th June, 2013 made a clarification in the sense that its preceeding Decree of the 14th April, 2013 refers to the final report of the Expert Accountant and not the report ad interim.

……omissis……

(2) That in any case if the Decree of the 4th April, 2013 can truly be considered as having taxed the fee of the Expert Accountant for his final report and if the amount of €17,700 is thus to be considered as the fee taxed in favour of the same Expert accountant for his final report (out of which he has already been paid the sum of €2,329.37 on account), the following observations are to be made by way of grievances.

According to the terms of the application of the 29th March, 2011 the Honourable Court of First Instance had to determine whether the Expert Accountant should be given an extra fee besides the fee taxed to him in the sum of €2,329.37 for his first report. Instead the Court, confirmed the fee in the amount of €17,700 according to Tariff G, Paragraph 4 Chapter 12 and this for his final report.

……omissis……

That thus the Honourable Court of First Instance could have never confirmed this Tax when this had already been reduced to the sum of Euro 2,239.37.

That furthermore and this without prejudice to the premised if the amount taxed by the Honourable First Court by way of fee due to the Expert Accountant (€17,700) for his final report this was also reached by adopting the wrong procedure.

……omissis……

Illi jekk skont l-Ewwel Onorabbli Qorti t-taxxa li ġiet minnha kkonfermata fl-ammont ta' €17,700 tirreferi biss għad-dritt dovut fuq ir-rapport finali tal-Perit Komputista, u mhux ir-rapport ad interim tiegħu allura għandhom isiru s-segwenti osservazzjonijiet:

(i) Is-somma ta' €2,329.37 li l-Perit Komputista tħallas kjarament u b' mod mhux kontestat b'referenza għad-dritt dovut fuq ir-rapport preliminari tiegħu.

(ii) Illi konsegwentement meta l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat fid-Digriet tagħha tal-4 ta' April, 2013 illi jitħallas il-bilanċ dovut lill-Perit Komputista fis-somma ta' €15,370.63 wara l-pagament akkont li sar fis-somma ta' €2,329.37 wieħed jifhem illi l-pagament akkont li sar kien ukoll dovut għar-rapport finali.

(iii).....omissis.....

(iv) Illi inoltre dejjem mingħajr preġudizzju għal dak suespost ċertament li ma jeżistu l-ebda ċirkostanzi speċjali f' dan il-każ u fix-xogħol li espleta l-espert komputista sabiex iħejji r-rapport tiegħu li jistgħu jiġġustifikaw li jingħata xi dritt barrani f'dan il-każ għar-rapport finali tiegħu.

(v)……omissis……

(vi) Illi barra minn hekk, jirriżulta illi l-Perit Komputista qiegħed jippretendi wkoll illi t-tħejjija tar-rapport innifsu għandu jitqies bħala ċirkostanza speċjali li tiġġustifika l-għoti ta' dritt fis-somma totali ta' €17,700.

(vii)……omissis……

(viii) Illi l-fatt li Ewwel Onorabbli Qorti kkonfermat it-Taxxa li kienet inħarget in kwantu għar-rapport preliminari għall-finijiet tar-rapport finali jfisser illi l-espert komputista ngħata d-dritt li jitħallas doppjament għal xogħol li sar għall-fini tal-ewwel rapport tiegħu li għaliħ digà tħallas mill-esponenti.

(ix) Illi fil-fatt mingħajr ebda preġudizzju għall-premess jiġi rilevat ukoll illi skont kif stqarr il-Perit komputista stess

……omissis……

That if according to the Honourable Court of First Instance, the tax which was confirmed in the amount of €17,700 refers only to the fee due for the final report of the expert Accountant, and not his ad interim report then the following observations have to be made:

(i) The sum of €2,329.37 which the Expert Accountant was undoubtedly and uncontestedly paid with reference to the fee due for his preliminary report.

(ii) That consequently when the Honourable Court of First Instance ordered in its Decree of the 4th April, 2013 that he be paid the balance due to the Expert Accountant in the sum of €15,370.63 following the payment on account which was made in the amount of €2,329.37 one understands that the payment on account which was made was also due for the final report.

(iii)……omissis……

(iv) That furthermore and this without prejudice to that above exposed there certainly do not exist any special circumstances in this case and in the work carried out by the expert accountant in order to prepare out his report which justify that he be given an extra fee in this case for his final report.

v)……omissis……

(vi) That apart from this, it results that the Expert Accountant is also expecting that the preparation of the report itself is to be considered as a special circumstance which justifies the granting of a fee in the global sum of €17,700.

vii)……omissis……

(viii) That the fact that the Honourable Court of First Instance confirmed the Fee which was issued for the preliminary report for the purpose of the final report means that the expert accountant was given the right to be paid twice for work which was carried out for the purpose of his first report for which he was already been paid by applicant.

(ix) That in fact and without any prejudice to the premised it is also pointed out that as declared by the Expert

fir-rikors tiegħu tad-29 ta' Marzu, 2011 ir-rapport finali tiegħu x'aktarx ser jinkorpora fih il-konklużjonijiet tar-rapport ad interim tiegħu.

(x) Illi min dan kollu premess jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet mezz biex akkost ta' kollox tagħti lill-perit komputista dak id-dritt illi jidhirlu li għandu jitħallas bħallikieku ma japplikawx fil-konfront ta' dan il-perit komputista d-dispożizzjonijiet tat-Tariffa G.

(xi)……omissis……

(xii) Illi inoltre u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess jiġi sottomess umilment illi fil-fatt li skont dina l-Onorabbli Qorti l-esperti l-oħra mqabbda f'din il-kawża tħallsu eluf kbar ta' Ewro huwa bir-rispett kollu irrelevanti kif ukoll żbaljat.

Għaldaqstant in vista ta' dak kollu fuq premess, filwaqt illi tagħmel referenza għall-provi u l-atti proċesswali kollha u tirriżerva illi tipproduċi provi ulterjuri u li tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri skont il-ligi, l-appellanti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka d-Digriet mogħti mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' April, 2013 fl-ismijiet fuq premessi u/jew tagħti kull provvediment li jidhrilha opportun fiċ-ċirkostanzi bl-ispejjeż.

Notifika: Flower Power (Sales) Limited – The Nursery, Triq Durumblat, Ta' Qali.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 23 ta' Diċembru, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Civili u Tribunali

accountant himself in his application of the 29th March, 2011 his final report shall probably include the conclusions of his ad interim report.

(x) That from all this premised, it appears that the Honourable Court of First Instance found a way so that by all means the expert accountant be given that fee which he thinks that he should be paid as if the provisions of Tariff G do not apply in regard to this expert accountant.

(xi)……omissis……

(xii) That furthermore and this without prejudice to the premised it is humbly submitted that in fact according to this Honourable Court the other experts appointed in this cause were paid thousands of Euros is with all respect irrelevant as well as mistaken.

Thus in view of all that premised, whilst referring to the proof and all the recordings of the proceedings and reserving to provide further proof and to make further submissions according to law, the appellants pray with respect that this Honourable Court cancels and revokes the decree given by the Honourable First Hall Civil Court, on the 4th April, 2013 in the names above premised and or give any provision it deems fit in the circumstances with costs.

Notify: Flower Power (Sales) Limited - The Nursery, Triq Durumblat, Ta' Qali.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 23rd December, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

2041

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, fil-11 ta' Novembru, 2013 fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Albert Vella, rikors numru 342/12 GC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellati Albert Vella u Catherine Vella a tenur tal-Artikolu 187 (3) et seq. tal-Kap. 12.

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 11th November, 2013 in the records of the Appeal Application, in the names Michael Attard Limited vs Albert Vella, application number 342/12 GC, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Albert Vella and Catherine Vella, in terms of Article 187 (3) et seq. of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors numru 342/12 GC, Michael Attard Limited (C 32362) vs Albert Vella (KI 200858M), Deciż 19 ta' Lulju, 2013 ir-rikorrenti Michael Attard Limited espona bir-rispett:

Illi permezz tar-rikors intavolat minn Catherine Vella fit-13 ta' Marzu, 2012 fl-atti tas-Subbasta Numru 5/2012, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Albert Vella, l-istess Catherine Vella talbet lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex jiġi dikjarat li Albert Vella hu unikament responsabbli għad-dejn fl-ammont ta' €124,068.88 fil-konfront ta' Michael Attard Limited, li jiġi revokat il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli, u cioé tal-proprjetà li ġġib l-indirizz Prim Rose, Triq Mons Innocenz, Msida, fl-intier tiegħu ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nuqqas, ir-rikorrenti qed titlob li tiġi ordnata s-sospensjoni tas-subbasta ai termini tal-Artikolu 326 et. seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm jiġi dekretat ir-rikors Ġuramentat hemm anness u li jiġi ordnat li jinbiegħu l-karrozzi kollha li kontra tagħhom hemm mandat ta' qbid numru 516/11, iżda li għadhom ma ġewx maqbuda, u fuq liema karrozzi Michael Attard Limited għandu privileġġ speċjali għall-ammont mhux imħallas fuqhom...omissis ...inoltre li jiġi ordnat li l-istess dejn jiġi saldat bil-proprjetà parafernali tal-intimat u qatt fuq in-nofs indiviż tal-komunjoni tal-akkwisti li jappartjenu lill-esponenti inkluż naturalment in-nofs indiviż tad-dar matrimonjali...omissis..u biss jekk jifdal dejn mas-soċjetà rikorrenti wara li jinbiegħu l-karrozzi kif fuq intqal, jinbiegħ biss in-nofs indiviż tal-proprjetà in kwistjoni li tappartjeni għall-intimat, filwaqt li n-nofs indiviż l-ieħor jibqa' unikament il-proprjetà tal-esponenti. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat.

Illi għal dawn it-talbiet, il-kumpanija Michael Attard Limited irrispondiet permezz tar-risposta opportuna u għas-skans ta' ripetizzjoni tagħmel referenza għar-risposta tagħha kif tirriżulta mill-atti.

..omissis..

Illi kontestwalment mar-rikors intavolat minn Catherine Vella, fit-13 ta' Marzu, 2012 fl-atti tas-Subbasta Numru 5/2012, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Albert Vella, l-istess Catherine Vella intavolat kawża fl-ismijiet Catherine

By means of an Appeal Application filed in the Court of Appeal, in the records of the Application number 342/12 GC, Michael Attard Limited (C 32362) vs Albert Vella (ID 200858M) Decided 19th July, 2013 the applicant Michael Attard Limited respectfully pleaded:

That by means of the application filed by Catherine Vella, on the 13th March, 2012 in the records of the Judicial Sale Number 5/2012, in the names Michael Attard Limited vs Albert Vella, the same Catherine Vella asked the Honourable Court of First Instance so that it be declared that Albert Vella is solely responsible for the debt in the amount of €124,068.88 towards Michael Attard Limited, that there be revoked the warrant of seizure of immovable property and namely the property which bears the address Prim Rose, Triq Mon Innocenz, Msida, in its entirety in terms of Article 281 of Cap. 12 of the Laws of Malta. In default, the applicant is asking that there be ordered the suspension of the judicial sale in terms of Article 326 et seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta until the Sworn Application therein annexed is decreed and that there be ordered that all the cars against which a warrant of seizure number 516/11 has been issued but which have still have not been seized and on which cars Michael Attard Limited has a special privilege for an amount which is still due..omissis.. furthermore that it be ordered that the same debt be set off by means of the paraphernal property of the respondent and never on the one half undivided part of the community of acquests which appertains to the applicant including naturally one half of the matrimonial home...omissis.. and thus if there remains any debt with the applicant company, after the cars have been sold as abovementioned, there be sold only one half undivided share of the property in question which belongs to the respondent, whilst the other undivided half remains the exclusive property of the applicant. With all costs against the respondent.

That against these demands, the company Michael Attard Limited replied by means of the opportune reply and to avoid repetition refers to its reply as results from the records.

...omissis...

That together with the application filed by Catherine Vella, on the 13th March, 2012 in the records of the Judicial Sale Number 5/2012, in the names Michael Attard Limited vs Albert Vella, the same Catherine Vella filed a cause in

Vella vs Albert Vella, u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2012 il-kumpanija Michael Attard Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża (Rik. Gur. Nru 272/2012 AE), u dana kif mistqarr minn Catherine Vella fir-rikors tagħha mertu ta' dana l-appell.

Illi fil-kawża Catherine Vella vs Albert Vella u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2012 il-kumpanija Michael Attard Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża (Rik. Gur. Nru 272/2012 AE), Catherine Vella ressqet l-istess talbiet bħal dawk imressqa fir-rikors mertu ta' dan l-appell.

……omissis……

Illi permezz tas-sentenza fil-kawża Catherine Vella vs Albert Vella, u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2012 il-kumpanija Michael Attard Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża (Rik Gur. Nru 272/2012 AE)..omissis...l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaddiet biex tiċħad it-talbiet ta' Catherine Vella, u ddeċidiet il-kawża billi ddikjarat 'Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, b'dan li tiċċara li l-attriċi ma għandhiex obbligu li tagħmel tajjeb għad-dejn bil-ġid parafernali tagħha'. L-attriċi għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha.

Illi ċiononostante l-istess Catherine Vella ma nfurmatx lill-Ewwel Onorabbli Qorti li ppresjediet il-proċeduri odjerni li l-mertu tal-lanjanzi tagħha ġew ġia deċiżi fil-kawża minnha stess intavolata, u ħalliet lill-Ewwel Onorabbli Qorti tipproċedi bid-deċiżjoni tagħha fil-proċeduri odjerni, u liema deċiżjoni hija għal kollox f'konflitt mas-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, datata 30 ta' Mejju, 2013 li ddeċidiet l-istess talbiet kontenuti fir-rikors ta' dawn il-proċeduri.

Illi fil-fatt l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-proċeduri odjerni permezz ta' deċiżjoni datata 19 ta' Lulju, 2013 iddeċidiet is-segwenti, 'Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara li r-raġel tar-rikorrenti cioé Albert Vella hu unikament responsabbli għad-dejn fl-ammont ta' €124,068.88 fil-konfront tas-soċjetà Michael Attard Limited..omissis.. L-ispejjeż kollha jitħallsu bin-nofs bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà Michael Attard Limited'.

the names Catherine Vella vs Albert Vella, and by decree of the 30th March, 2012 the company Michael Attard Limited was authorised to intervene in the cause (Sworn Application Number 272/2012 AE), and this as declared by Catherine Vella in her application merit of this appeal.

That in the cause Catherine Vella vs Albert Vella and by decree of the 30th March, 2012 the company Michael Attard Limited was authorised to intervene in the cause (Sworn Application Number 272/2012 AE), Catherine Vella brought forward the said demands as those brought forward in the application merit of this appeal.

……omissis……

That by means of a judgement in the cause Catherine Vella vs Albert Vella, and by a decree of the 30th March, 2012 the company Michael Attard Limited was authorised to intervene in the cause (Sworn Application Number 272/2012 AE)...omissis...the Honourable First Hall Civil Court passed on to reject the demands of Catherine Vella and decided the cause by declaring 'For these motives the Court rejects the cause by rejecting the applicant's demands by clarifying that the applicant is not bound to guarantee the debt with her paraphernal property'. The applicant is to bear her costs.

That nothwithstanding the same Catherine Vella did not inform the Honourable First Court which presided the present procedures that the merit of her complaints had already been decided in the cause filed by her and left the Honourable Court of First Instance to proceed with its decision in the present procedures, and which decision is completely in conflict with the judgement of the Honourable First Hall Civil Court, dated 30th May, 2013 which decided the same demands contained in the application of these procedures.

That infact the Honourable First Court in the present procedures by means of a decision dated 19th July, 2013 decided the following, 'For these motives decides by upholding the second and third demand of the applicants and consequently declares that the applicant's husband and namely Albert Vella is solely responsible for the debt in the amount of €124,068.88 towards the company Michael Attard Limited.....omissis... All the costs are to be paid in half between the applicant and the applicant Michael Attard Limited'.

Illi l-fatti relevanti għall-każ odjern huma s-segwenti:

……omissis……

Illi l-kumpanija appellanti ħassitha aggravata bid-deċizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti tad-19 ta' Lulju, 2013 u għalhekk qed tinterponi umli appell.

Illi l-aggravji tal-kumpanija huma ċari u manifesti, u jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Nullità u irritwalità tal-proċeduri u tad-deċiżjoni appellata.

Illi jibda sabiex jingħad illi r-rikors intavolat minn Catherine Vella mertu ta' dana l-appell fl-atti tas-Subbasta Numru 5/2012, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Albert Vella, ġie hekk intavolat bil-għan li l-istess subbasta tiġi sospiza sakemm il-mertu tal-lanjanzi tal-istess Catherine Vella, jiġu deċiżi u trattati kif mistħoqq f'kawza ad hoc.

Illi ċiononostante l-istess Catherine Vella ressqet talbiet permezz tar-rikors promotur li ma kinux idonei fil-proċedura adoperata tant illi dawn l-istess talbiet ġew trattati fil-kawża minnha intavolata u deċiża fit-30 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet Catherine Vella u Albert Vella, u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2012 il-kumpanija Michael Attard Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża (Rik. Gur. Nru 272/2012 AE).

Illi ma huwiex idonju u proċeduralment irritwali li l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv jiġi attakat permezz tal-proċedura mertu tal-appell odjern.

……omissis……

Illi iżda l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet sabiex tiddeċiedi t-talbiet kollha mressqa minn Catherine Vella, nonostante li ma kinitx il-proċedura idonea li fihom kellhom jiġu mistħarrġa dawn it-talbiet.

Illi aktar minn hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet dwar it-talbiet li kienu ġia deċiżi mill-istess Qorti diversament presjeduta, u liema deċiżjoni kienet għaddiet

That the facts relevant to the present case are the following:

……omissis……

That the appellant company felt aggrieved by the decision of the Honourable Court of First Instance of the 19th July, 2013 and is thus filing this humble appeal.

That the grievances of the company are clear and manifest, and consist in the following:

1. Nullity and irregularity of the procedures and the decision appealed.

That it is stated in the first place that the application filed by Catherine Vella merit of this appeal in the records of the Judicial Sale Number 5/2012, in the names Michael Attard vs Albert Vella, was so filed with the purpose that the same judicial sale be suspended until the merit of these complaints of the same Catherine Vella, be decided and dealt with as should be in a cause ad hoc.

That notwithstanding the same Catherine Vella brought forward demands in her original application which were not suitable in the procedures used so much so that the same demands were dealt with in the cause filed by her and decided on the 30th May, 2013 in the names Catherine Vella and Albert Vella and by a decree of the 30th March, 2012 the company Michael Attard Limited was authorised to intervene in the cause (Sworn Application Number 272/2012 AE).

That it is not suitable and procedurally irregular that the execution of an executive title be attacked by means of the procedure merit of the present appeal.

……omissis……

But the Honourable First Court passed on to decide all the demands brought by Catherine Vella, nothwithstanding that it was not the right procedure within which these demands should have been examined.

That furthermore the Honourable First Court decided on demands which were already decided by the same Court differently presided and which decision was res judicata,

in ġudikat, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ben konsapevoli illi kien hemm kawża pendenti dwar l-istess mertu u bl-istess talbiet.

……omissis……

Illi inoltre l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet sabiex tiddeċiedi l-mertu meta l-partijiet kienu qablu li kellu jingħata digriet dwar is-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-kawża dwar il-mertu, iżda għal xi raġuni l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet kollha.

……omissis……

Illi l-unika ħaġa li kellha tiddeċiedi l-Ewwel Onorabbli Qorti kien jekk kinitx ser tissoprasjedi sakemm tiġi deċiża l-kawża jew le, iżda għal xi raġuni pproċediet biex tiddeċiedi l-kawża.

Illi se mai u sabiex jiġi assikurat li l-kumpanija appellanti tingħata smigħ xieraq, l-atti għandhom jigu rinvjati lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti u l-kumpanija appellanti tingħata l-opportunità tressaq il-provi tagħha u sussegwentement tingħata deċiżjoni.

……omissis……

Illi umilment jiġi rilevat illi s-sitwazzjoni attwali ma tagħmilx gieħ lis-sistema ġudizzjarja u dan stante li għandek żewġ proċeduri b'partijiet identiċi, b'talbiet identiċi, u mertu identiku li jiġu deċizi oppost għal xulxin, fi ftit xhur wieħed minn l-ieħor.

Illi wkoll qed jiġi rilevat illi d-deċiżjoni appellata hija nulla u dan stante li naqset għal kollox milli tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet imqanqla mill-kumpanija appellanti fir-risposta tagħha.

Illi dana l-aggravju huwa msejjes fuq l-Artikolu 789 (i) (c) u dana stante li d-deċiżjoni appellata ma tikkonformax mad-dispost tal-Artikolu 218 tal-Kap. 12.

Illi minn qari anke superfiċjali tad-deċiżjoni appellata jirriżulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat għal kollox il-kwistjonijiet imqajma mill-kumpanija appellanti fir-

the Honourable Court of First Instance was well aware that there was a pending lawsuit regarding the same merit and with the same demands.

……omissis……

That furthermore the Honourable Court of First Instance passed on to decide the merit when the parties had agreed that a decree should be given regarding the suspension of these procedures till the cause on the merit is decided but for some reason the Honourable Court of First Instance passed on to decide on all the demands.

……omissis……

That the only thing which this Honourable Court had to decide was whether it was going to stay the proceedings till the cause is decided or not, but for some reason it passed on to decide the cause.

That if ever and in order to ensure that the appellant company be given a fair hearing, the records should be sent back to the Court of First Instance and the appellant company be given an opportunity to bring forward its proof and subsequently a decision be given.

……omissis……

That humbly it is submitted that the actual situation does not do honour to the judicial system and this since you have two procedures with identical parties, with identical demands and identical merit which are decided contrary to each other, within a few months of each other.

That it is also pointed out that the decision appealed is null and that it completely failed to decide on matters raised by the appellant company in its reply.

That this grievance is based on Article 789 (i) (c) and this since the decision appealed does not conform with the provisions of Article 218 of Cap. 12.

That from a superficial reading of the decision of the judgement appealed it results that the Honourable Court of First Instance completely ignored the matter raised by the

risposta tagħha..omissis... u li mhix konformi mad-dispostiv applikabbli u konsegwentement nulla ai termini tal-Ligi.

2. Applikazzjoni u Interpretazzjoni żbaljata tal-Liġi.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ssostni l-konklużjoni tagħha billi prattikament tistrieħ unikament fuq l-Artikolu 1324 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

……omissis……

Illi l-insenjament tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża bejn l-istess kontendenti dwar l-istess mertu u fir-rigward tal-istess talbiet għamlet studju approfondit tal-konsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-vertenza odjerna u għas-skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza għall-istess sentenza deċiża fit-30 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet Catherine Vella vs Albert Vella, u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2012 il-kumpanija Michael Attard Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża (Rik. Gur. Nru 272/2012 AE), liema insenjament u interpretazzjoni l-kumpanija appellanti qed tagħmel tagħha għall-finijiet ta' dana l-aggravju.

……omissis……

Illi għal xi raguni l-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid illi b' att tan-negozju li għamel Albert Vella, għandu jitqies li ġew akkwistati drittijiet reali minn Michael Attard Limited fuq id-dar matrimonjali. Għalhekk skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, ġialadarba l-iffirmar tal-kambjali kkrejaw drittijiet reali fuq id-dar matrimonjali dawn għandhom jitqiesu bħala att ta' natura straordinarja bil-konsegwenza li kellhom jiġu ffirmati mill-mara sabiex jiġu ritenuti validi.

Illi bid-dovut rispett anke minn dana l-aspett l-interpretazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti huwa għal kollox erronju.

Illi l-kreditu kanonizzat permezz tas-sentenza fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Albert Vella (1140/11 JZM) deċiża fl-1 ta' Jannar, 2012 kien naxxenti minn kambjali ffirmati u aċċettati mill-istess Albert Vella, u skont l-insenjament kostanti tal-Qrati tagħna, il-ġbid ta' kambjali ma għandux jitqies bħala att straordinarju ta' amministrazzjoni.

appellant company in its reply...omissis... and which does not conform with the applicable provisions and consequently null in terms of Law.

2. Application and wrong Interpretation of the Law.

That the Honourable First Court rests its conclusion by practically relying solely on the Article 1324 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

……omissis……

That the teaching of the Honourable First Hall Civil Court in the cause between the same parties regarding the same merit and as regards the same demands made an in depth study of the legal considerations which relate to the present dispute and in order to avoid repetition reference is being made to the same judgement decided on the 30th May, 2013 in the names Catherine Vella vs Albert Vella, and by a decree of the 30th March, 2012 the company Michael Attard Limited was authorised to intervene in the cause (Sworn Application Number 272/2012 AE), which teaching and interpretation the appellant company is adopting for the purposes of this grievance.

……omissis……

That for some reason the Honourable First Court states that by the business deed made by Albert Vella, it is to be considered that real rights were acquired by Michael Attard Limited on the matrimonial home. That thus according to the Honourable Court, once the signing of the bills of exchange create real rights on the matrimonial home these are to be considered as acts of an extraordinary nature with the consequence that they had to be signed by the wife in order to be held valid.

That with the due respect even from this aspect the interpretation of the Honourable First Court is completely wrong.

That the credit declared by means of the judgement in the names Michael Attard Limited vs Albert Vella (1140/11 JZM) decided on the 1st January, 2012 resulted from bills of exchange signed and accepted by the same Albert Vella, and according to the constant teaching of our Courts, the drawing of bills of exchange should not be considered as an act of extraordinary administration.

……omissis……

Illi mill-ġurisprudenza appena ċitata huwa mill-aktar evidenti illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti u l-applikazzjoni tal-Ligi għal kwistjoni tal-kambjalijiet hija għal kollox erronja.

……omissis……

Illi l-konklużjoni konsonanti mal-ġurisprudenza nostrana hija li l-kambjali ffirmati minn Albert Vella, huma tali li jorbtu l-komunjoni tal-akkwisti bil-konsegwenza li l-kumpanija appellanti għandha d-dritt li teżegwixxi t-titolu tagħha fuq il-beni tal-komunjoni, inkluż id-dar matrimonjali.

Illi wkoll fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid li l-appellata ma setgħetx tattaka s-sentenza fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Albert Vella (1140/11 JZM) deċiża fl-1 ta' Jannar, 2012 hija wkoll erronja.

L-Ewwel Onorabbli Qorti tkompli tgħid li l-mandat ta' Qbid imsejjes fuq dik is-sentenza ma jistax jagħmel stat fil-konfront tagħha, stante li ma kinitx parti fil-kawża. Bid-dovut rispett għal darba oħra din l-interpretazzjoni hija għal kollox skorretta. L-eżekuzzjoni tal-kreditu tal-kumpanija appellanti qed issir fuq beni tal-komunjoni, u dan stante li kif spjegat tali kreditu jaggrava l-istess komunjoni.

……omissis……

Illi għalhekk fl-istadju ta' dawn il-proċeduri huma l-Artikoli relattivi għall-bejgħ in subbasta u cioé l-Artikoli 3123 sa 357 tal-Kap. 12 li japplikaw u mhux dak invokat mill-appellata.

……omissis……

Illi fi kwalunkwe każ, l-appellata ma ressqet ebda raġuni valida sabiex il-mandat ta' ħwejjeġ immobbli in eżami jiġi mħassar.

Illi ċiononostante l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat dan il-fatt u għaddiet sabiex tordna l-mandat ta' Qbid, jiġi revokat fil-konfront tal-appellata.

3. Konklużjoni.

……omissis……

That from the jurisprudence just cited it is most evident that the interpretation given by the Honourable First Court and the application of the Law to the matter of bills of exchange is completely wrong.

……omissis……

That the conclusion conforming with our jurisprudence is that the bills of exchange signed by Albert Vella are such to bind the community of acquests with the consequence that the appellant company has the right to execute its executive title on the property of the community acquests, including the matrimonial home.

That also where the Honourable First Court states that the respondent could not attack the judgement in the names Michael Attard Limited vs Albert Vella (1140/11 JZM) decided on the 1st January, 2012 is also erroneous.

The Honourable First Court continues to state that the warrant of Seizure based on this judgement cannot be upheld in her regard, since she was not a party to the cause. With due respect once again this interpretation is completely wrong. The execution of the credit of the appellant company is being made on property of the community of acquests and this as explained such credit burdens the same community.

……omissis……

That thus at the stage of these procedures the relative Articles for the judicial sale and namely Articles 312 (3) to 357 of Cap. 12 which apply and not those invoked by the respondent.

……omissis……

That in any case the respondent did not bring forward any valid reason so that the warrant of immovable property in question be cancelled.

That notwithstanding the Honourable First Court avoided this fact and passed on to order the warrant of seizure be revoked in regard to the respondent.

3. Conclusion.

Illi għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi hija l-umli sottomissjoni tal-kumpanija appellanti illi d-deċiżjoni appellata tad-19 ta' Lulju, 2013 timmerita illi tiġi revokata u t-talbiet tal-appellanti jiġu miċħuda.

Għaldaqstant, il-kumpanija appellanti, filwaqt li tagħmel referenza għall-atti kollha ta' din il-kawża u filwaqt li qiegħda minn issa tirriżerva illi tressaq dawk il-provi u sottomissjonijiet oħra ulterjuri permessi skont il-Liġi, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tannulla u tħassar id-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-19 ta' Lulju, 2013 fl-ismijiet Michael Attard Limited (C 32362) vs Albert Vella (KI 200858M), u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-appellata Catherine Vella.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kontra l-appellata Catherine Vella.

Kumpanija Appellanti: National Road, Blata l-Bajda.

Notifika: Catherine Vella, 3, Welcome Court, Barnaba Street, Qawra.

Notifika: Albert Vella, Primrose, Triq Mons. Innocent Zammit, Msida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 24 ta' Diċembru, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

That for all the reasons above premised it is the humble submission of the appellant company that the decision appealed of the 19th July, 2013 merits to be revoked and the demands of the appellants be rejected.

Thus, the appellant company, whilst referring to all the records of this cause and whilst from now reserving to bring forward that proof and further submissions permitted by Law, prays with respect that this Honourable Court upholds the appeal and revoke, annull and cancel the appealed decision given by the Honourable First Court, on the 19th July, 2013 in the names Michael Attard Limited (C 32362) vs Albert Vella (ID 200858M), and consequently reject the demands of the respondent Catherine Vella.

With costs of these procedures and those before the Honourable First Court against the respondent Catherine Vella.

Appellant Company: National Attard, Blata l-Bajda.

Notify: Catherine Vella, 3, Welcome Court, Barnaba Street, Qawra.

Notify: Albert Vella, Primrose, Triq Mons. Innocenz Zammit, Msida.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 24th December, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

2042

Ikun jaf kulħadd li l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-6 ta' Diċembru, 2013 tat-sentenza fil-kawża fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafà) vs Mario Emanuel Camilleri, ta' 41 sena, bin Joseph u Maria née Camilleri, imwieled New York, l-Istati Uniti tal-Amerika, u residenti 'Cynthia', Triq Ta' Marziena, Munxar, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 29190M, fejn ikkundannat lill-imputat Mario Emanuel Camilleri, Uffiċjal Pubbliku, ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), illum 16 ta' Diċembru, 2013.

DR MARY DEBONO BORG
Reġistratur

It is hereby notified that the Court of Crimial Appeal has on the 6th December, 2013 delivered a judgement in the case: The Police (Inspector Angelo Gafà) vs Mario Emanuel Camilleri, 41 years old, son of Joseph and Maria née Camilleri, born in New York, United States of America, and residing at 'Cynthia', Ta' Marziena Street, Munxar, Gozo, and holder of identity card number 29190M, whereby Mario Emanuel Camilleri was found guilty and being a Public Officer, in terms of Article 190 of Cap. 9 of the Laws of Malta was condemned to a perpetual general interdiction.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), today the 16th December, 2013.

DR MARY DEBONO BORG
Registrar

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*